



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

13948/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0264(NLE)**

---

**SOC 578**  
**GENDER 168**  
**EMPL 395**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-kura fit-tul  
affordabbli u ta' kwalità għolja

---

## **RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (k), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Kura fit-tul aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja tippermetti lin-nies li jeħtieġu l-kura sabiex, għal kemm jista' jkun żmien, iżommu l-awtonomija u jgħixu b'dinjità. Hija tgħin sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem, tippromwovi l-progress soċjali u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impjiegi.
- (2) F'Novembru 2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>1</sup>, li jistabbilixxi 20 prinċipju sabiex jiġu appoġġati swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw sew. Il-Prinċipju 2 jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jrawwem l-ugwaljanza fit-trattament u l-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha. Il-Prinċipju 9 jippromwovi d-dritt għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal persuni b'responsabbiltajiet ta' kura. Il-Prinċipju 10 jenfasizza d-drittijiet tal-ħaddiema għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Il-Prinċipju 17 jirrikonoxxi d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għall-inklużjoni, b'mod partikolari għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Il-Prinċipju 18 dwar il-kura fit-tul jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal servizzi tal-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità tajba, b'mod partikolari għal servizzi tal-kura fid-djar u bbażati fil-komunità..

---

<sup>1</sup> Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

- (3) Is-servizzi tal-kura fit-tul organizzati mill-awtoritajiet pubbliċi, fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali, huma primarjament ikkunsidrati bħala servizzi soċjali ta' interess ġenerali, peress li għandhom funzjoni soċjali ċara. Huma jiffaċilitaw l-inklużjoni soċjali u jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-persuni kollha fil-bżonn ta' kura, inkluż l-anzjani.
- (4) Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jindukraw huma nisa skont it-“2021 *Long-term care report: trends, challenges and opportunities in an ageing society*” tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kumitat dwar il-Protezzjoni Soċjali<sup>1</sup> (“ir-Rapport tal-2021 dwar il-kura fit-tul”). Id-disparità bejn il-ġeneri fid-distribuzzjoni tax-xogħol tal-kura hija wieħed mill-fatturi ewlenin tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol. In-nisa, bħala medja, għandhom dħul aktar baxx, inkluż mill-pensjonijiet, u huma potenzjalment anqas kapaċi jkunu jistgħu jħallsu għall-kura, filwaqt li fl-istess ħin jgħixu aktar mill-irġiel u b'hekk jeħtieġu aktar kura fit-tul u huma esposti għal riskju oġġla ta' faqar u esklużjoni soċjali tul ħajjithom. Għaldaqstant, servizzi tal-kura fit-tul formali adegwati u affordabbli, flimkien ma' politiki sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur u biex jiġi rrikonċiljat l-impjieg bi ħlas mar-responsabbiltajiet ta' kura, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

---

<sup>1</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, *Long-term care report: trends, challenges and opportunities in an ageing society*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.

- (5) Din ir-Rakkomandazzjoni tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 21, 23, 24, 25, 26, 31, 33 u 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> li tkopri n-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-anzjani, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa u d-drittijiet għall-ħajja tal-familja u professjonali u s-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali.
- (6) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, li tirrikonoxxi d-dritt ugwali tal-persuni kollha b'diżabbiltà li jgħixu b'mod indipendenti fil-komunità, b'għażliet ugwali għall-oħrajn.
- (7) Il-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, adottat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2021, ħabbar inizjattiva dwar il-kura fit-tul bl-għan li jiġi stabbilit qafas għal riformi ta' politika sabiex jiggwida l-iżvilupp ta' kura fit-tul sostenibbli li tiżgura aċċess aħjar għal servizzi ta' kwalità għal dawk fil-bżonn, u hekk lill-Istati Membri jinvestu fil-forza tax-xogħol tas-saħħa u tal-kura, itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u l-aċċess għat-taħriġ.

---

<sup>1</sup> ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

- (8) Ir-rapport tal-2021 dwar il-kura fit-tul jenfasizza li d-domanda għal kura fit-tul ta' kwalità għolja hija mistennija li tiżdied, u li ż-żieda fl-għoti tagħha tista' tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-ġustizzja soċjali. Dak ir-rapport jidentifika l-aċċess, l-affordabbiltà, u l-kwalità bħala sfidi ewlenin fil-kura fit-tul, forza tax-xogħol xierqa bħala kruċjali sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber għal servizzi ta' kwalità għolja, filwaqt li jenfasizza li l-kura informali spiss iġġorr magħha kostijiet minsija.
- (9) It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa mistenni li jżid id-domanda għall-kura fit-tul, peress li t-tnaqqis fil-kapaċità funzjonali u l-ħtieġa għal kura fit-tul huma assoċjati ma' età akbar . Skont ir-rapport tal-2021 dwar il-kura fit-tul, in-numru ta' persuni li għandhom 65 sena jew aktar huwa mistenni li jiżdied b'41 % matul it-30 sena li ġejjin, minn 92.1 miljun fl-2020 għal 130.2 miljun fl-2050, filwaqt li n-numru ta' persuni li għandhom 80 sena jew aktar huwa mistenni li jiżdied bi 88 %, minn 26.6 miljun fl-2020 għal 49.9 miljun fl-2050.
- (10) Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat b'mod negattiv is-sistemi tal-kura fit-tul u aggravat ħafna dgħufijiet strutturali diġà eżistenti, b'mod partikolari n-nuqqas ta' servizzi ta' kwalità u nuqqas ta' ħaddiema, u enfazzat il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tal-kura fit-tul u li jiżdiedu l-isforzi sabiex tittejjeb l-awtonomija personali u jiġi ffaċilitat l-għajxien indipendenti.

- (11) Skont it-“*2021 Ageing Report – Economic and Budgetary Projections for the EU Member States (2019-2070)*” (ir-Rapport tal-2021 dwar it-Tixjiħ – Projezzjonijiet Ekonomiċi u Baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2019-2070) tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kumitat dwar il- Politika Ekonomika, hemm varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri f'termini tal-livell ta' finanzjament pubbliku għall-kura fit-tul, billi xi pajjiżi jinvestu anqas minn 1 % tal-PDG, u xi oħrajn jonfqu aktar minn 3 % tal-PDG. Fl-2019, in-nefqa pubblika għall-kura fit-tul ammontat għal 1,7 % tal-PDG tal-Unjoni skont dak ir-rapport, li huwa anqas mill-valur stmat ta' sigħat ta' kura fit-tul ipprovduti minn indoktruri informali, li huwa stmat għal madwar 2,5 % tal-PDG tal-Unjoni<sup>1</sup>. Fl-Istati Membri b'nefqa pubblika baxxa għall-kura fit-tul, l-użu ta' servizzi formali ta' kura fit-tul huwa aktar limitat. Id-domanda dejjem tikber għall-kura fit-tul iżżid il-pessjoni fuq in-nefqa pubblika, filwaqt li tappella wkoll għat-titjib tal-kosteffettività tal-għoti tal-kura fit-tul, pereżempju, permezz ta' politiki ta' promozzjoni tas-saħħa u preventivi, integrazzjoni u mmirar aħjar tas-servizzi, il-ġbir tad-data u l-evidenza, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda u diġitali. Il-politiki li jiffavorixxu l-finanzjament sostenibbli tal-kura fit-tul huma importanti għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, partikolarment fil-kuntest tat-tixjeh tal-popolazzjoni u tat-tnaqqis fil-forza tax-xogħol fl-Unjoni.
- (12) Id-dipendenza fuq kura informali mhux ser tkun sostenibbli u l-ħtiġijiet ta' kura formali kif ukoll il-pessjoni fuq il-baġits pubbliċi huma mistennija li jiżdedu.

---

<sup>1</sup> Van der Ende, M. et al., 2021, *Study on exploring the incidence and costs of informal long-term care in the EU* (Studju dwar l-esplorazzjoni tal-incidenza u l-kostijiet tal-kura informali fit-tul fl-UE).

- (13) Il-kopertura tal-protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul hija limitata u l-kostijiet spiss jirrappreżentaw ostaklu serju għall-aċċess għall-kura fit-tul. Ħafna unitajiet domestiċi mhux qed jużaw, jew mhux qed jużaw aktar servizzi professjonali tal-kura fid-djar minħabba, l-ewwel u qabel kollox, raġunijiet finanzjarji. Mingħajr protezzjoni soċjali adegwata, il-kostijiet totali stmati tal-kura fit-tul spiss jistgħu jaqbżu d-dħul ta' persuna. Filwaqt li l-arranġamenti tal-protezzjoni soċjali jvarjaw bejn l-Istati Membri, f'xi wħud minnhom, l-appoġġ pubbliku huwa disponibbli biss għal proporzjon żgħir ta' persuni bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul. Anke meta tkun disponibbli, il-protezzjoni soċjali spiss ma tkunx biżżejjed, peress li anke wara li jirċievu l-appoġġ, bħala medja, kważi nofs il-persuni akbar fl-età bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul huma stmati li jkunu taħt is-soll tal-faqar wara li jħallsu l-kostijiet tal-kura fid-djar minn buthom stess.
- (14) Ħafna nies ma jistgħux jaċċessaw il-kura fit-tul li jeħtieġu minħabba, fost raġunijiet oħrajn, offerta ġenerali baxxa ta' servizzi u minħabba l-firxa limitata ta' opzjonijiet tal-kura fit-tul u d-disparitajiet territorjali. F'ħafna Stati Membri l-għażla tal-kura fit-tul hija limitata. Fejn hemm għażla, din hija prinċipalment bejn kura informali, ipprovduta l-aktar min-nisa, u kura residenzjali. L-għoti tal-kura fit-tul fid-djar u bbażata fil-komunità għadu baxx. Barra minn hekk, id-disparitajiet territorjali fl-għoti tal-kura fit-tul jagħmlu l-aċċess ugwali għall-kura fit-tul diffiċli, speċjalment fiż-żoni rurali u li qegħdin jiddepopolaw. L-għażla hija saħansitra aktar limitata għal persuni b'diżabbiltà minħabba aċċessibbiltà mhux uniformi tas-servizzi tal-kura. Filwaqt li hi rikonoxxuta d-diversità tal-arranġamenti tal-kura fit-tul madwar l-Istati Membri, networks pubbliċi b'saħħithom ta' fornituri ta' servizzi ta' kura fit-tul, b'riżorsi umani u finanzjarji adegwati, jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' kura fit-tul.



- (15) Fil-kura fit-tul, il-kwalità tiddependi minn mekkaniżmu effettiv ta' assigurazzjoni tal-kwalità, li f'ħafna Stati Membri ma jeżistix jew ma għandux biżżejjed riżorsi. L-assigurazzjoni tal-kwalità spiss ma tkunx biżżejjed fil-kura fid-djar u f'dik ibbażata fil-komunità. Filwaqt li l-kwalità tal-kura residenzjali hija aktar regolata, l-istandards tal-kwalità spiss jiffukaw fuq l-eżiti kliniċi u ma jindirizzawx biżżejjed il-kwalità tal-ħajja tan-nies li jirċievu l-kura u l-kapaċità tagħhom li jgħixu b'mod indipendenti. Anke meta jkun hemm fis-seħħ standards tal-kwalità, l-infurzar tagħhom mhux dejjem ikun effettiv, spiss minħabba struttura amministrattiva mhux adegwata jew in-nuqqas ta' riżorsi. In-nuqqas ta' standards ta' kwalità għolja applikati strettament kemm għall-fornituri tal-kura pubbliċi kif ukoll għal dawk privati jista' jwassal għal sitwazzjonijiet ta' negliġenza u abbuż tar-riċeventi tal-kura u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena għall-persuni li jindukraw. Qafas nazzjonali tal-kwalità għall-kura fit-tul, adattat għall-kuntest nazzjonali u l-istrutturi operazzjonali, jista' jgħin biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Qafas bħal dan jista' jiġi rifless f'oqfsa ta' kwalità speċifiċi għal diversi livelli ta' forniment u amministrazzjoni ta' kura fit-tul jew diversi ambjenti ta' kura.

- (16) Il-kura fit-tul għandha valur soċjali importanti u potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi, iżda l-Istati Membri qegħdin jitħabtu sabiex jattiraw u jżommu ħaddiema fil-qasam tal-kura fost oħrajn minħabba ħiliet inadegwati, kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli u pagi baxxi. Hemm opportunitajiet mhux sfruttati biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur. Tali miżuri jistgħu jinkludu, skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, miżuri mmirati għall-ħaddiema part-time li jixtiequ jżidu s-siġħat tax-xogħol tagħhom, il-persuni qiegħda u inattivi li qabel kienu jindukraw, il-ħaddiema tal-kura formali fit-tul li jixtiequ jkawlu ż-żmien qabel jirtiraw u l-istudenti. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw l-ammissjoni, inkluż il-volumi ta' ammissjoni, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' xogħol, l-esplorazzjoni ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali u etiċi għall-ħaddiema tal-kura fit-tul tista' potenzjalment tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati nuqqasijiet ta' ħaddiema.
- (17) Il-ħiliet meħtieġa fis-settur tal-kura qegħdin isiru dejjem aktar kumplessi. Il-ħiliet huma taħlita ta' għarfien, kapaċità u attitudni li jippermettu lil individwu jwettaq kompitu jew attività b'suċċess f'kuntest partikolari. Minbarra l-ħiliet u l-kompetenzi tradizzjonali, l-indoktrari spiss ikollhom bżonn għarfien espert teknoloġiku relatat mal-użu ta' teknoloġiji ġodda, ħiliet diġitali u ħiliet ta' komunikazzjoni, spiss b'lingwa barranija, u ħiliet sabiex jittrattaw ħtiġijiet kumplessi u jaħdmu f'timijiet multidixxiplinari. Mingħajr politiki xierqa dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, ir-rekwiżiti tal-ħiliet jistgħu jaġixxu għal ħafna bħala ostaklu sabiex jidħlu jew jipprogressaw aktar fis-settur.

- (18) Il-persuni li jindukraw spiss ikollhom nuqqas ta' taħriġ dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, arranġamenti tax-xogħol mhux standard, sigħat tax-xogħol irregolari, xogħol bix-xift, lakuni fil-protezzjoni soċjali, pressjonijiet fiżiċi jew mentali u pagi baxxi. Il-kopertura baxxa bi ftehimiet kollettivi ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura fit-tul u n-nefqa pubblika limitata fil-kura fit-tul jistgħu jikkontribwixxu għal pagi baxxi fis-settur.
- (19) Ċerti gruppi ta' ħaddiema, inkluż il-ħaddiema fil-qasam tal-kura residenti jew ħaddiema domestiċi li jipprovdu kura fit-tul, jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli, inkluż pagi baxxi, arranġamenti mhux favorevoli tal-ħinijiet tax-xogħol, xogħol mhux iddikjarat, protezzjoni soċjali inadegwata u nuqqas ta' konformità mar-regoli essenzjali dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema u forom irregolari ta' impjeg. Il-Konvenzjoni tal-2011 dwar il-Ħaddiema Domestiċi (Nru 189) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tistabbilixxi drittijiet u prinċipji bażiċi, u tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jieħdu sensiela ta' miżuri bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi.

- (20) Il-kura informali kienet essenzjali fl-għoti tal-kura fit-tul, peress li l-indokraturi informali, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma nisa, tradizzjonalment iwettqu l-maġġoranza tal-indukrar, spiss minħabba nuqqas ta' kura formali fit-tul aċċessibbli u affordabbli. Min-naħa l-oħra, ħafna nies jagħżlu wkoll li jipprovdu jew jirċievu kura informali bħala kwistjoni ta' preferenza. Madankollu, l-għoti tal-kura informali jista' jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa u l-benesseri fiżiċi u mentali tal-indokraturi u huwa ostaklu sinifikanti għall-impjeg, b'mod partikolari għan-nisa. Dan għandu effett immedjat fuq id-dħul kurrenti tagħhom, u jaffettwa l-pensjoni tagħhom minħabba dovuti mnaqqsa tad-drittijiet tal-pensjoni, ħaġa li tista' tkun saħansitra aktar sinifikanti għall-indokraturi li għandhom ukoll responsabbiltajiet ta' indukrar tat-tfal. Għalhekk huma meħtieġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u rikonċiljazzjoni aħjar tax-xogħol u tad-dmirijiet ta' kura għall-persuni kollha li jindukraw b'mod informali, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa. Barra minn hekk, f'xi każijiet, il-persuni li jindukraw b'mod informali ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata u ma jirċevux biżżejjed appoġġ dirett u/jew indirett għall-attivitajiet ta' indukrar tagħhom, inkluż appoġġ finanzjarju. Miżuri li jappoġġaw il-validazzjoni tal-ħiliet tagħhom jistgħu jgħinu lil dawk interessati biex jgħaddu għal attivitajiet ta' kura formali. It-tfal u ż-żgħażaġh b'membri tal-familja li huwa marid b'mod kroniku għandhom it-tendenza li jkollhom aktar problemi ta' saħħa mentali u eżiti aktar negattivi b'effetti fit-tul fuq id-dħul tagħhom u l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà.

- (21) L-organizzazzjoni tal-kura fit-tul tvarja madwar l-Unjoni. Il-kura fit-tul hija organizzata f'sistema ta' servizzi, ta' spiss kumplessa, fil-kura tas-saħħa u dik soċjali, u xi drabi tipi oħrajn ta' appoġġ, bħall-akkomodazzjoni u l-attivitajiet lokali. Hemm ukoll differenzi f'termini tal-istatus tal-impjeg tal-persuni li jindukraw b'mod professjonali, u f'termini tar-rwoli li għandhom il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-amministrazzjoni u s-setturi pubbliċi, privati u kooperattivi. L-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-kura fit-tul ivarjaw ukoll u d-data amministrattiva spiss ma tkunx disponibbli jew komparabbli fil-livell tal-Unjoni.
- (22) Il-partijiet ikkonċernati tal-kura fit-tul jinkludu dawk li jeħtieġu kura fit-tul, il-membri tal-familja tagħhom u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, l-awtoritajiet rilevanti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-fornituri tal-kura fit-tul, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni u għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza. Il-korpi tal-ekonomija soċjali, inkluż l-kooperattivi u s-soċjetajiet, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet ta' benefiċċji reċiproċi, u l-intrapriżi soċjali huma sħab importanti għall-awtoritajiet pubbliċi fl-għoti tal-kura fit-tul.

(23) Il-proċess tas-Semestru Ewropew, appoġġat mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, enfasizza l-isfidi tal-kura fit-tul, li jwasslu biex xi Stati Membri jirċievu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f'dak il-qasam. Il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296<sup>1</sup> jenfasizzaw l-importanza li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' kura fit-tul affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità. Il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali għandu l-għan li jippromwovi kura fit-tul aċċessibbli, ta' kwalità għolja u sostenibbli u jappoġġa dak l-oġettiv permezz ta' monitoraġġ, sorveljanza multilaterali tar-riformi, ħidma tematika, u taġġim reċiproku. Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali żviluppa qafas Ewropew ta' kwalità għas-servizzi soċjali<sup>2</sup>, inkluż il-kura fit-tul. Madankollu, għad ma hemm l-ebda qafas komprensiv tal-Unjoni biex jiggrawidja r-riformi nazzjonali fil-kura fit-tul.

---

<sup>1</sup> Il-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 67).

<sup>2</sup> Il-Qafas Ewropew volontarju għall-kwalità għas-servizzi soċjali, SPC/2010/10/8 final.

- (24) L-Unjoni tippovdi ħafna opportunitajiet ta' finanzjament għall-kura fit-tul, li jimmiraw prijoritajiet ta' investiment differenti f'konformità mar-regolamenti speċifiċi tad-diversi programmi ta' finanzjament, li jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (b'enfasi prijoritarja fuq servizzi mhux residenzjali bbażati fuq il-familja u l-komunità), il-Fond Soċjali Ewropew plus, u l-fergħa tiegħu tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, Orizzont Ewropa, il-programm l-UE għas-Saħħa, il-Programm Ewropa Diġitali, l-appoġġ tekniku għat-titjib tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali għat-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-riformi permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għal riformi u investimenti eliġibbli fil-kuntest tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19.

- (25) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq id-dritt tal-Unjoni rigward kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, bħad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u d-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, fir-rigward tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bħad-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, u fir-rigward tas-saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol, bħad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE<sup>5</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE<sup>6</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE<sup>7</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE<sup>8</sup>,

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

<sup>5</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

<sup>6</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18).

<sup>7</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema (ir-raba' direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 9)

<sup>8</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11) (l-erbatax-il direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)



id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, id-Direttiva 2003/88/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u id-Direttiva 2013/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, li huwa applikabbli u rilevanti għall-kura fit-tul.

- (26) B'rispett sħiħ tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u b'kont meħud tad-diversità u l-istrutturi organizzattivi differenti tas-sistemi tal-kura fit-tul, inkluż dawk deċentralizzati, din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom u ma timpedihomx milli jżommu jew jstabilixxu dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni soċjali li jmorru lil hinn minn dawk rakkomandati,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

- 
- <sup>1</sup> Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21)
- <sup>2</sup> Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).
- <sup>3</sup> Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol (is-sitt direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).
- <sup>4</sup> Id-Direttiva 2013/35/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampj elettromanjetiċi) (l-għoxrin-il direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) u li tħassar id-Direttiva 2004/40/KE (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 1)

## OBJETTIV U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja għall-persuni kollha li jeħtiġuha.
2. Din ir-Rakkomandazzjoni tikkonċerna n-nies kollha li jeħtieġu kura fit-tul, u l-indoktraturi formali u informali kollha. Hija tapplika għall-kura fit-tul ipprovduta fil-kuntesti kollha tal-kura.

## DEFINIZZJONIJIET

3. Għall-fini ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw dawn id-definizzjonijiet:
  - (a) "kura fit-tul" tfisser firxa ta' servizzi u assistenza għal persuni li, bħala riżultat ta' dgħufija mentali u/jew fiżika, mard u/jew diżabbiltà tul perjodu ta' żmien estiż, jiddependu minn appoġġ biex jagħmlu l-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum u/jew li jeħtieġu xi kura permanenti ta' infermerija. L-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum li għalihom jenħtieġ appoġġ jistgħu jkunu l-attivitajiet ta' kura personali li persuna jeħtiġilha twettaq kuljum, jiġifieri (attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, bħall-ħasil, l-ilbies, l-ikel, li wieħed jidħol u joħroġ mis-sodda, jew ipoġġi u jqum minn siġġu, il-mixi, l-użu tat-toilet, u l-kontroll tal-funzjonijiet tal-borża tal-awrina u tal-musrana jew jistgħu jkunu relatati ma' għajxien indipendenti, jiġifieri (attivitajiet strumentali tal-ħajja ta' kuljum, bħat-tħejjija ta' ikel, il-ġestjoni tal-flus, ix-xiri ta' ikel jew oġġetti personali, it-twettiq ta' xogħol tad-dar ħafif jew tqil, u l-użu ta' telefown;

- (b) "kura fit-tul formali" tfisser kura fit-tul ipprovduta minn ħaddiema professjonali tal-kura fit-tul, li tista' tieħu l-forma ta' kura fid-dar, kura bbażata fil-komunità jew kura residenzjali;
- (c) "kura fid-dar" tfisser kura formali fit-tul mogħtija fid-dar privata tar-riċevitur, minn ħaddiema professjonali fil-qasam tal-kura fit-tul;
- (d) "kura bbażata fil-komunità" tfisser kura fit-tul formali pprovduta u organizzata fil-livell tal-komunità, pereżempju, fil-forma ta' servizzi matul il-ġurnata għall-adulti jew appoġġ ta' mistrieħ;
- (e) "kura residenzjali" tfisser kura fit-tul formali pprovduta lil persuni li jgħixu f'kuntatti tal-kura fit-tul residenzjali;
- (f) "kura informali" tfisser kura fit-tul ipprovduta minn indokatur informali, jiġifieri xi ħadd fl-ambjent soċjali tal-persuna li tkun teħtieġ il-kura, inkluż sieħeb, wild, ġenitur jew persuna oħra, li ma jkunx impjegat bħala ħaddiem professjonali fil-qasam tal-kura fit-tul;
- (g) "għajxien indipendenti" tfisser li n-nies kollha li jeħtieġu kura fit-tul jistgħu jgħixu fil-komunità b'għażliet ekwi għal ħaddieħor, ikollhom l-opportunità li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom u fejn u ma' min jgħixu fuq bażi ugwali ma' oħrajn, u ma humiex obbligati jgħixu f'arranġament ta' għajxien partikolari;

- (h) "ħaddiem domestiku fil-qasam tal-kura fit-tul" tfisser kwalunkwe persuna involuta f'xogħol domestiku li tipprovdi kura fit-tul fi ħdan relazzjoni ta' impjeg;
- (i) "indokratur residenti" tfisser ħaddiem domestiku fil-qasam tal-kura fit-tul li jgħix mar-riċevitur tal-kura u jipprovdi kura fit-tul.

#### ADEGWATEZZA, DISPONIBBILTÀ U KWALITÀ

4. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-persuni kollha bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul ikollhom aċċess għal kura fit-tul li tkun:
- (a) f'waqtha, li tippermetti lin-nies li jeħtieġu kura fit-tul jirċievu l-kura meħtieġa malajr kemm jista' jkun, u sakemm tkun meħtieġa;
  - (b) komprensiva, li tkopri l-ħtiġijiet kollha ta' kura fit-tul, li jirriżultaw minn tnaqqis tas-saħħa mentali u/jew fiżika fil-kapaċità funzjonali identifikata permezz ta' valutazzjoni bbażata fuq kriterji ta' eliġibbiltà ċari u oġġettivi, u f'koordinazzjoni ma' servizzi oħra ta' appoġġ u ta' protezzjoni soċjali;
  - (c) affordabbli, li tippermetti li n-nies li jeħtieġu kura fit-tul iżommu standard tal-għajxien deċenti u li tipproteġihom mill-faqar u l-esklużjoni soċjali minħabba l-ħtiġijiet ta' kura fit-tul tagħhom kif ukoll li tiżgura d-dinjità tagħhom.

5. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jallinjaw b'mod kontinwu l-għoti ta' servizzi tal-kura fit-tul mal-ħtiġijiet ta' kura fit-tul, filwaqt li jipprovdu taħlita bbilanċjata ta' opzjonijiet ta' kura fit-tul u ambjenti ta' kura sabiex jipprovdu għal ħtiġijiet differenti ta' kura fit-tul u jappoġġaw il-libertà tal-għażla, u l-parteciġazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-persuni li jeħtieġu l-kura, inkluż billi:
- (a) jiżviluppaw u/jew itejbu l-kura fid-djar u l-kura bbażata fil-komunità;
  - (b) inaqqsu d-disparitajiet territorjali fid-disponibbiltà tal-kura fit-tul u l-aċċess għaliha, b'mod partikolari f'żoni rurali u li qegħdin jiddepopolaw;
  - (c) jintroduċu teknoloġija innovattiva u soluzzjonijiet diġitali aċċessibbli fl-għoti ta' servizzi tal-kura, inkluż sabiex jiġu appoġġati l-awtonomija u l-għajxien indipendenti, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi potenzjali tad-diġitalizzazzjoni;
  - (d) jiżguraw li s-servizzi u l-faċilitajiet tal-kura fit-tul ikunu aċċessibbli għal persuni bi ħtiġijiet u b'diżabbiltajiet speċifiċi u jirrispettaw id-dritt ugwali tal-persuni kollha b'diżabbiltà li jgħixu b'mod indipendenti fil-komunità, b'għażliet ugwali għall-oħrajn;
  - (e) jiżguraw li s-servizzi tal-kura fit-tul ikunu kkoordinati tajjeb mas-servizzi tal-prevenzjoni, it-tixjiħ attiv u b'saħħtu u s-saħħa u li jappoġġaw l-awtonomija u l-għajxien indipendenti, filwaqt li jirrestawraw kemm jista' jkun, jew jipprevjenu d-deterjorament tal-kundizzjonijiet fiżiċi jew mentali.

6. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu stabbiliti kriterji u standards ta' kwalità għolja fil-kuntesti kollha tal-kura fit-tul imfassla skont il-karatteristiċi tagħhom, u li japplikawhom għall-fornituri kollha tal-kura fit-tul, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom. Għal dak il-għan, l-Istati Membri huma mistiedna jiżguraw qafas ta' kwalità nazzjonali għall-kura fit-tul f'konformità mal-prinċipji tal-kwalità stipulati fl-Anness u li jinkludu fih mekkaniżmu xieraq ta' assigurazzjoni tal-kwalità li:
- (a) jiżgura l-konformità mal-kriterji u l-istandards tal-kwalità fil-kuntesti u l-fornituri kollha tal-kura fit-tul f'kollaborazzjoni mal-fornituri tal-kura fit-tul u mal-persuni li jirċievu l-kura fit-tul;
  - (b) jipprovdi inċentivi lill-fornituri tal-kura fit-tul u jsaħħaħ il-kapaċità tagħhom sabiex imorru lil hinn mill-istandards minimi ta' kwalità u jtejbu l-kwalità b'mod kontinwu;
  - (c) jalloka biżżejjed riżorsi għall-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u jħeġġeġ lill-fornituri tal-kura fit-tul sabiex ikollhom riżorsi finanzjarji għall-immaniġġjar tal-kwalità;
  - (d) jiżgura, fejn rilevanti, li r-rekwiżiti rigward il-kwalità tal-kura fit-tul jiġu integrati fl-akkwist pubbliku;
  - (e) jippromwovi l-awtonomija, l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità fil-kuntesti kollha tal-kura fit-tul;
  - (f) jiżgura l-protezzjoni kontra l-abbuż, il-fastidju, in-negliġenza u kull forma ta' vjolenza għall-persuni kollha li jeħtieġu l-kura u l-indoktraturi kollha.

## INDOKRATURI

7. Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jappoġġaw impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fil-kura fit-tul, b'mod partikolari billi:
- (a) jippromwovu d-djalogu soċjali nazzjonali u n-negozjar kollettiv fil-kura fit-tul, inkluż billi jappoġġaw l-iżvilupp ta' pagi attraenti, arranġamenti tax-xogħol adegwati u nondiskriminazzjoni fis-settur, filwaqt li tiġi rrispettata l-awtonomija tas-sħab soċjali;
  - (b) mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u filwaqt li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tiegħu, jippromwovu l-oġġla standards fis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inkluż il-protezzjoni minn fastidju, abbuż u kull forma ta' vjolenza, għall-ħaddiema kollha fil-qasam tal-kura fit-tul;
  - (c) jindirizzaw l-isfidi ta' gruppi vulnerabbli ta' ħaddiema, bħall-ħaddiema domestiċi fil-qasam tal-kura fit-tul, il-ħaddiema fil-qasam tal-kura residenti u l-ħaddiema migranti fil-qasam tal-kura, inkluż billi jipprovdu regolamentazzjoni u professjonalizzazzjoni effettivi ta' tali xogħol ta' kura.

8. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni, fejn rilevanti, mas-sħab soċjali, mal-fornituri tal-kura fit-tul u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn, itejbu l-professjonalizzazzjoni tal-kura u jindirizzaw il-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet u n-nuqqasijiet ta' ħaddiema fil-kura fit-tul, b'mod partikolari billi:
- (a) ifasslu u jtejbu l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u kontinwi sabiex il-ħaddiema attwali fil-qasam tal-kura fit-tul u dawk futuri jiġu mgħammra bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, inkluż dawk diġitali;
  - (b) jibnu mogħdijiet tal-karriera fis-settur tal-kura fit-tul, inkluż permezz tat-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid, il-validazzjoni tal-ħiliet, u servizzi ta' informazzjoni u ta' gwida;
  - (c) jistabbilixxu perkorsi għal status ta' impjeg regolari għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura fit-tul mhux iddikjarati;
  - (d) jesploraw mogħdijiet ta' migrazzjoni legali għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura fit-tul;
  - (e) isaħħu l-istandards professjonali, joffru status professjonali u prospetti ta' karriera attraenti u protezzjoni soċjali adegwata lill-ħaddiema fil-qasam tal-kura fit-tul, inkluż għal dawk bi kwalifiki baxxi jew mingħajr kwalifiki;
  - (f) jimplimentaw miżuri sabiex jiġu indirizzati l-isterjotipi tal-ġeneru u s-segregazzjoni skont il-ġeneru u sabiex il-professjoni tal-kura fit-tul ssir attraenti kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.



9. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ċari sabiex jidentifikaw l-indokraturi informali u jappoġġawhom fl-attivitajiet tal-ġhoti tal-kura billi:
- (a) jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tagħhom ma' ħaddiema fil-qasam tal-kura fit-tul;
  - (b) jappoġġjaw l-aċċess tagħhom għat-taħriġ meħtieġ, inkluż dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, il-konsulenza, il-kura tas-saħħa, l-appoġġ psikoloġiku u l-kura ta' solliev, kif ukoll jappoġġawhom biex jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura;
  - (c) jagħtuhom aċċess għall-protezzjoni soċjali u/jew għal appoġġ finanzjarju adegwat, filwaqt li jiżguraw li tali miżuri ta' appoġġ ma jwaqqfux il-parteciġipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

#### GOVERNANZA, MONITORAĠĠ U RAPPORTAR

10. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw governanza tajba tal-politika fil-kura fit-tul, inkluż mekkaniżmu ta' koordinazzjoni effettiv sabiex ifasslu, jimplementaw u jimmonitorjaw azzjonijiet ta' politika u investimenti f'dak il-qasam, b'mod partikolari billi:
- (a) ikollhom stabbilit koordinatur tal-kura fit-tul jew mekkaniżmu ta' koordinazzjoni xieraq ieħor, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-livell nazzjonali;

- (b) jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti, pereżempju, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, atturi tal-ekonomija soċjali, istituzzjonijiet tat-taħriġ professjonali u tal-edukazzjoni, riċevituri tal-kura u partijiet ikkonċernati oħra, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fit-tnejja, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' politiki ta' kura fit-tul, u jtejbu l-konsistenza tal-politiki tal-kura fit-tul ma' politiki rilevanti oħrajn, inkluż il-politiki fil-qasam tal-kura tas-saħħa, l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali usa', l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u d-drittijiet tat-tfal;
- (c) jiżguraw qafas nazzjonali għall-ġbir u l-evalwazzjoni ta' data, sostnut minn indikaturi rilevanti, fejn opportun, u possibbilment diżaggregata skont is-sess u l-età, ġbir ta' evidenza, inkluż dwar lakuni fl-għoti tal-kura fit-tul;
- (d) il-ġbir ta' tagħlimiet meħuda, prattiki ta' suċċess u feedback dwar il-politiki u l-prattiki tal-kura fit-tul, inkluż minn riċevituri tal-kura, dawk li jagħtu l-kura u partijiet ikkonċernati oħra, sabiex jinformatu it-tfassil tal-politika;
- (e) jiżviluppaw mekkaniżmu għat-tbassir tal-ħtiġijiet tal-kura fit-tul fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u l-integrazzjoni tiegħu fl-ippjanar tal-għoti tal-kura fit-tul;
- (f) isaħħu l-ippjanar u l-kapaċità tal-kontinġenza sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-għoti tal-kura fit-tul meta jiġu ffaċċjati b'ċirkostanzi u emerġenzi mhux previsti;

- (g) jieħdu miżuri sabiex iqajmu s-sensibilizzazzjoni, jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw l-adozzjoni tas-servizzi u l-appoġġ disponibbli tal-kura fit-tul minn persuni li jeħtieġu kura fit-tul, il-familji tagħhom, il-ħaddiema fil-qasam tal-kura fit-tul u l-indoktraturi informali, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali;
  - (h) jimmobilizzaw u jagħmlu użu kosteffettiv ta' finanzjament adegwat u sostenibbli għall-kura fit-tul, inkluż billi jagħmlu użu mill-fondi u mill-istrumenti tal-Unjoni u billi jsegwu politiki li jiffavorixxu l-finanzjament sostenibbli ta' servizzi tal-kura fit-tul li jkunu koerenti mas-sostenibbiltà globali tal-finanzi pubbliċi.
11. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, is-sett ta' miżuri meħuda jew ippjanati biex jimplimentawha, filwaqt li jibnu, fejn rilevanti, fuq strateġiji jew pjanijiet nazzjonali eżistenti u filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali. Fejn xieraq, rapporti ta' progress sussegwenti għandhom ikunu bbażati fuq mekkaniżmi ta' rappurtar u fora rilevanti, inkluż dawk taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni Soċjali, is-Semestru Ewropew u mekkaniżmi rilevanti oħra ta' programmazzjoni u rappurtar tal-Unjoni, bħall-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru .
12. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li:
- (a) timmobilizza l-finanzjament u l-appoġġ tekniku tal-Unjoni sabiex tippromwovi r-riformi u l-innovazzjoni soċjali nazzjonali fil-qasam tal-kura fit-tul;

- (b) timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni Soċjali, filwaqt li tevalwa l-progress b'mod regolari mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u, fejn rilevanti, mal-Kumitat tal-Impjiegi, abbażi tal-miżuri msemija fil-punt 11, programmi ta' riforma nazzjonali u dokumenti rilevanti oħra, tar-rapporti ta' progress mill-Istati Membri u tal-qafas tal-indikaturi msemija fil-punt (e), u tirrapporta lill-Kunsill fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
- (c) taħdem b'mod konġunt mal-Istati Membri, permezz tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kumitat tal-Impjiegi u, kif rilevanti, ma' koordinaturi tal-kura fit-tul jew membri tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni msemija fil-punt 10(a) kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tiffaċilita t-tagħlim reċiproku, taqsam l-esperjenzi, u ssegwi l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni kif imsemija fil-punt 11;
- (d) taħdem mal-Istati Membri sabiex ittejjeb id-disponibbiltà, l-ambitu u r-rilevanza ta' data komparabbli dwar il-kura fit-tul fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tibni fuq ir-risultati li ġejjin tat-task force tal-Kummissjoni dwar l-istatistika tal-kura fit-tul;

- (e) taħdem mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali sabiex tistabbilixxi qafas ta' indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, filwaqt li tibni fuq il-ħidma konġunta dwar indikaturi komuni dwar il-kura fit-tul u oqfsa oħrajn ta' monitoraġġ sabiex jiġi evitat xogħol doppju u jiġi llimitat il-piż amministrattiv;
- (f) tfassal rapporti konġunti mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-kura fit-tul li janalizzaw sfidi komuni tal-kura fit-tul u l-miżuri adottati mill-Istati Membri sabiex jindirizzawhom;
- (g) issaħħaħ l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni fil-livell tal-Unjoni u fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX

### PRINĊIPJI TA' KWALITÀ GĦALL-KURA FIT-TUL

L-Istati Membri huma mistiedna jiżguraw qafas nazzjonali tal-kwalità għall-kura fit-tul imsemmi fil-punt 6, f'konformità mal-prinċipji li ġejjin. Dawn il-prinċipji japplikaw għall-fornituri kollha tal-kura fit-tul irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u fil-kuntesti kollha tal-kura. Huma jesprimu valuri kondiviżi u fehim komuni tal-kwalità tal-kura fit-tul.

#### Rispett

Il-kura fit-tul tirrispetta d-dinjità u drittijiet u libertajiet fundamentali oħra tal-persuni li jeħtieġu kura fit-tul, tal-familji tagħhom u tal-indoktranti tagħhom. Dan jinkludi d-dritt ugwali tal-persuni kollha, b'mod partikolari dawk b'diżabbiltà, li jgħixu b'mod indipendenti fil-komunità, u li jkollhom għażliet ugwali bħal ħaddieħor. Il-kura fit-tul tingħata mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Il-persuni li jirċievu l-kura huma protetti mill-abbuż, mill-fastidju, min-negliġenza u minn kull forma ta' vjolenza.

#### Prevenzjoni

Il-kura fit-tul għandha l-għan li kemm jista' jkun tirrestawra, jew tipprevjeni d-deterjorament fis-saħħa fiżika u/jew mentali ta' persuni fil-bżonn ta' kura fit-tul u li ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jgħixu b'mod indipendenti, filwaqt li ttaffi wkoll l-esperjenza tagħhom ta' solitudni jew ta' iżolament soċjali.

## Iċċentrar fuq il-persuna

Is-servizzi tal-kura fit-tul jiġu pprovduti mingħajr ebda diskriminazzjoni u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi u li jinbidlu ta' kull individwu li jeħtieġ kura fit-tul. Dawn jirrispettaw bis-sħiħ l-integrità personali tal-persuni fil-bżonn ta' kura, iqisu l-ġeneru tagħhom, u d-diversità fiżika, intellettuali, kulturali, etnika, reliġjuża, lingwistika u soċjali tagħhom, u, fejn xieraq, dawk tal-familji tagħhom jew taċ-ċirku soċjali immedjat tagħhom. Il-persuna li teħtieġ kura fit-tul hija fiċ-ċentru tal-attenzjoni u hija l-bażi għall-ippjanar tas-servizzi, il-ġestjoni tal-kura, l-iżvilupp tal-ħaddiema u l-monitoraġġ tal-kwalità.

## Komprensività u kontinwità

Il-kura fit-tul hija mfassla u mogħtija b'mod integrat mas-servizzi rilevanti l-oħra kollha, inkluż il-kura tas-saħħa u t-telesaħħa, u b'koordinazzjoni effettiva bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali inkluż billi jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati fil-komunità. Il-kura fit-tul hija organizzata sabiex il-persuni fil-bżonn ta' kura fit-tul ikunu jistgħu jiddependu fuq firxa ta' servizzi mingħajr interruzzjoni meta jkunu meħtieġa u sakemm ikunu meħtieġa, filwaqt li tiġi appoġġata l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà u ż-żamma tar-rabtiet mal-familja u l-ħbieb. It-tranżizzjonijiet bejn is-servizzi differenti tal-kura fit-tul huma bla xkiel u għandhom l-għan li jevitaw it-tfixkil tas-servizz jew kwalunkwe impatt negattiv fuq il-kura riċevuta.

## Iffokar fuq l-eżiti

Il-kura fit-tul hija ffokata primarjament fuq il-benefiċċji għal dawk li jirċievu l-kura, f'termini tal-kwalità tal-ħajja u l-kapaċità tagħhom li jgħixu b'mod indipendenti, filwaqt li jitqiesu, fejn xieraq, il-benefiċċji għall-familji tagħhom, kif ukoll għall-indokraturi informali tagħhom u għall-komunità.

## Trasparenza

L-informazzjoni u l-pariri dwar l-għażliet u l-fornituri tal-kura fit-tul disponibbli, l-istandards tal-kwalità u l-arranġamenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità huma pprovduti b'mod sħiħ, b'mod aċċessibbli u li jinftiehem, lill-persuni fil-bżonn tal-kura fit-tul, kif ukoll lill-familji jew l-indoktranti tagħhom, biex b'hekk ikunu jistgħu jagħżlu l-opzjoni tal-kura li tgħodd l-aħjar għalihom.

## Forza tax-xogħol

Il-kura fit-tul hija pprovduta minn ħaddiema mħarrġa u kompetenti b'paga deċenti u b'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Proporzjonijiet adegwati tal-ħaddiema li jirriflettu l-għadd u l-ħtiġijiet ta' persuni li jirċievu l-kura fit-tul u l-kuntesti differenti tal-kura huma stabbiliti u rispettati. Id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kunfidenzjalità, l-etika professjonali u l-awtonomija professjonali huma rispettati. L-indoktranti huma protetti minn abbuż, fastidju u kull forma ta' vjolenza.

It-tagħlim kontinwu huwa disponibbli għall-ħaddiema kollha fil-qasam tal-kura fit-tul.

## Faċilitajiet

L-għoti tal-kura fit-tul kollu kemm hu jikkonforma mar-regoli tas-saħħa u s-sikurezza, mal-aċċessibilità, kif ukoll mar-rekwiżiti ambjentali u tal-iffrankar tal-enerġija.